# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/607

**tad-19 ta' April 2018**

**li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

## 1. IL-PROĊEDURA

### 1.1. L-investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1796/1999 [2], il-Kunsill impona dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ"), l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna. Dawn il-miżuri minn issa 'l quddiem se jissejħu "il-miżuri oriġinali" u l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri mir-Regolament (KE) Nru 1796/1999 minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Minn hemm 'il quddiem, instab li ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri oriġinali fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna u r-RPĊ saret permezz tal-Moldova u l-Marokk rispettivament wara investigazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 [3]. Għalhekk, permezz tar-Regolament (KE) Nru 760/2004 [4], il-Kunsill estenda d-dazju antidumping definittiv impost fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna għall-importazzjonijiet tal-istess prodotti kkonsenjati mill-Moldova. Bl-istess mod, id-dazju antidumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-RPĊ ġie estiż, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1886/2004 [5], għall-importazzjonijiet tal-istess prodotti kkonsenjati mill-Marokk.

(3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1858/2005 [6], il-Kunsill, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, żamm il-miżuri oriġinali imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-RPĊ, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna. Il-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Messiku skadew fit-18 ta' Awwissu 2004 [7]. Peress li l-Ungerija u l-Polonja saru membri tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, il-miżuri intemmu f'din id-data.

---

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 tat-12 ta' Awwissu 1999 li jimponi dazju definitiv antidumping, u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost, fuq importazzjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, l-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna u li jtemm il-proċeduri legali kontra antidumping minn importazzjonijiet ġejjin mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 217, 17.8.1999, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.) kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 760/2004 tat-22 ta' April 2004 jestendi d-dazju kontra r-rimi definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 1796/1999 fuq importi ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, *inter alia*, fl-Ukraina fuq importi ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkunsinnjati mill-Moldova, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Moldova jew le (ĠU L 120, 24.4.2004, p. 1).

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1886/2004 tal-25 ta' Ottubru 2004 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar konsenjati mill-Marokk, kemm jekk dikjarati li joriġinaw mill-Marokk kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet minn esportatur wieħed mill-Marokk (ĠU L 328, 30.10.2004, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 tat-8 ta' Novembru 2005 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 299, 16.11.2005, p. 1).

[7] Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri antidumping (ĠU C 203, 11.8.2004, p. 4).

(4) F'Mejju 2010, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 400/2010 ([1]) il-Kunsill estenda d-dazju antidumping definittiv impost permezz tar-Regolament (KE) Nru 1858/2005 fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar, li joriġinaw mir-RPĊ, għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le, bħala riżultat ta' investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Ċerti produtturi esportaturi Koreani kienu mogħtija eżenzjoni mid-dazju estiż peress li ma nstabux li kienu qed jevadu d-dazji antidumping definittivi.

(5) Il-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indja skadew fis-17 ta' Novembru 2010 ([2]).

(6) F'Jannar 2012, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012 ([3]), il-Kunsill, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ([4]), żamm id-dazju antidumping fir-rigward tar-RPĊ kif estiż għall-Marokk u għar-Repubblika tal-Korea u fl-Ukrajna kif estiż għall-Moldova. Dawn il-miżuri minn issa 'l quddiem se jissejħu "il-miżuri fis-seħħ" u l-investigazzjoni tar-rieżami tal-iskadenza, konkluża permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012, minn hawn' il quddiem se tissejjaħ "ir-rieżami preċedenti tal-iskadenza".

(7) Permezz tal-istess Regolament, il-Kunsill temm ukoll il-proċediment fir-rigward tal-Afrika t'Isfel. Il-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel skadew fid-9 ta' Frar 2012.

### 1.2. **Talba għal rieżami tal-iskadenza**

(8) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([5]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ("it-talba għal rieżami").

(9) It-talba għal rieżami saret fis-7 ta' Novembru 2016 mill-Kumitat ta' Kuntatt tal-E.U. Wire Rope Industries ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar ("SRC"). It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri fir-rigward tar-RPĊ x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni ta' dumping u għal rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni. L-applikant ma pprovdiex biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ kontra l-Ukrajna x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara.

### 1.3. **Bidu**

(10) Il-Kumissjoni, wara li ddeterminat u li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza fit-8 ta' Frar 2017, ħabbret permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]) ("Notifika ta' bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(11) Fin-nuqqas ta' talba debitament sostanzjata għal rieżami ta' skadenza li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-SRC li joriġinaw mill-Ukrajna, il-Kummissjoni tat avviż li l-miżura antidumping fir-rigward tal-Ukrajna se tiskadi. Konsegwentement, id-dazju antidumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna skada fl-10 ta' Frar 2017 ([7]).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 400/2010 tas-26 ta' April 2010 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 1858/2005 fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malasja (ĠU L 117, 11.5.2010, p. 1.)

([2]) Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri antidumping (ĠU C 311, 16.11.2010, p. 16)

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Ukraina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħutin mill-Marokk, mill-Moldova u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li ttemm il-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 36, 9.2.2012, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

([5]) Avviż ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping (ĠU C 180, 19.5.2016, p. 2).

([6]) In-notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 41, 8.2.2017, p. 5).

([7]) Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri antidumping (ĠU C 41, 8.2.2017, p. 4).

### 1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat**

(12) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "l-RIP"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami - il-31 ta' Diċembru 2016 ("il-perjodu kkunsidrat").

### 1.5. **Il-partijiet interessati**

(13) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant, lill-produtturi l-oħra magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lill-importaturi/utenti li kienu magħrufa li urew tħassib, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ dwar il-bidu tar-rieżami tal-iskadenza.

(14) Il-partijiet interessati kollha ġew mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fi żmien l-iskadenzi stabbiliti fin-Notifika ta' bidu. Il-partijiet interessati ngħataw ukoll l-opportunità li jitolbu bil-miktub għal seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

#### 1.5.1. *Kampjunar*

(15) Fin-Notifika ta' bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

##### 1.5.1.1. Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ

(16) Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-kampjunar kien previst fin-Notifika ta' bidu.

(17) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-21 produttur esportatur magħruf fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' bidu. L-informazzjoni mitluba kienet tinkludi l-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-RPĊ għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(18) Grupp ta' produtturi esportaturi wieħed biss wieġeb li kien lest li jikkoopera. Dan il-grupp, filwaqt li jkopri 100 % tal-esportazzjonijiet tal-SRC kollha mir-RPĊ lejn l-Unjoni, jirrappreżenta biss inqas minn 2 % tat-total tal-produzzjoni tal-SRC Ċiniża. Minħabba li grupp wieħed biss ta' produtturi esportaturi kien lest jikkoopera, ma kienx hemm bżonn li jiġi applikat il-kampjunar.

##### 1.5.1.2. Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(19) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet għażlet provviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, il-kampjun intgħażel fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ tal-prodott simili. Il-kampjun kien jikkonsisti f'sitt produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 50,5 % tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni matul l-RIP. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment sad-data ta' skadenza u għaldaqstant il-kampjun provviżorju kien ikkonfermat. Il-kampjun ġie kkunsidrat bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

##### 1.5.1.3. Kampjunar ta' importaturi mhux relatati

(20) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, kienu mistiedna biex jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni. Dawn il-partijiet intalbu jippreżentaw irwieħhom billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija/kumpaniji tagħhom, kif mitlub fl-Anness II tan-Notifika ta' bidu.

(21) Barra minn hekk, 44 importatur identifikati fit-talba ta' rieżami ġew ikkuntattjati mill-Kummissjoni fl-istadju tal-bidu u ġew mistiedna jispjegaw l-attività tagħhom u biex jimlew l-Anness imsemmi hawn fuq.

(22) Seba' importaturi biss ippreżentaw ruħhom, iżda skont it-tweġibiet tagħhom sitta minnhom ma impurtawx SRC matul l-RIP. Għalhekk, ma kien meħtieġ l-ebda kampjunar.

1.5.2. *Kwestjonarji*

(23) Il-Kummissjoni baghtet kwestjonarji lill-grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera u li wieġeb għall-formola ta' kampjunar, lis-sitt produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, lil importatur wieħed, lill-għaxar utenti li ppreżentaw ruħhom wara l-bidu tal-investigazzjoni u lil 50 produttur magħruf f'pajjiżi terzi b'ekonomija tas-suq potenzjali (il-Kanada, l-Indja, il-Ġappun, il-Malasja, il-Messiku, ir-Russja, l-Afrika t'Isfel, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, it-Tajlandja, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Istati Uniti tal-Amerika (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Uniti")).

(24) Il-grupp ta' produtturi esportaturi u ħames produtturi tal-Unjoni ssottomettew tweġiba għall-kwestjonarju. L-ebda importatur u l-ebda utent ma pprovda tweġiba għall-kwestjonarju.

(25) Żewġ produtturi f'pajjiżi terzi b'ekonomija tas-suq wieġbu għall-kwestjonarju, wieħed minhom jinsab fit-Turkija u l-ieħor fl-Istati Uniti.

1.5.3. *Żjarat ta' verifika*

(26) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara u l-interessi tal-Unjoni. Żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

***Produtturi tal-Unjoni***

— Bridon International Ltd, Doncaster, ir-Renju Unit

— Casar Drahtseilwerk Saar GmbH, Kirkel, il-Ġermanja

— Drumet Liny i Druty sp z o.o., Włocławek, il-Polonja

— Gustav Wolf GmbH, Guetersloh, il-Ġermanja

— Redaelli Tecna Spa, Milan, l-Italja

***Produttur esportatur fir-RPĊ***

— Fasten Group Imp. & Exp. Co., Ltd., Jiangyin City, Wuxi, Provinċja ta' Jiangsu

***Produttur fil-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq***

— WireCo World Group, Prairie Village, KS, l-Istati Uniti.

## 2. PRODOTT SOĠĠETT GĦAL RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott soġġett għal rieżami

(27) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huma l-ħbula u l-kejbils tal-azzar inklużi l-ħbula mibrumin issiġillati, esklużi l-ħbula u kejbils magħmula mill-azzar inossidabbli, b'dimensjoni trasversali massima ta' aktar minn 3 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("l-SRC" jew "il-prodott soġġett għal rieżami"), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98.

### 2.2. Prodott simili

(28) L-SRC prodotti fir-RPĊ u esportati lejn l-Unjoni, l-SRC prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku tal-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, l-Istati Uniti, u l-SRC immanifatturati u mibjugħa fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni għandhom l-istess użi finali kif ukoll karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi, u għalhekk jitqiesu bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' DUMPING

(29) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ probabbilment twassalx għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping mir-RPĊ.

### 3.1. Kummenti preliminari

(30) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ x'aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping mir-RPĊ.

(31) Kif indikat fil-premessa (18), grupp wieħed biss ta' produtturi esportaturi li jirrappreżentaw inqas minn 2 % tal-produzzjoni totali tal-SRC fir-RPĊ ikkoopera f'din l-investigazzjoni. Dan il-grupp huwa magħmul minn seba' kumpaniji relatati involuti fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-SCR. Peress li dan il-grupp kopra 100 % tal-esportazzjonijiet tal-SRC mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul l-RIP, il-Kummissjoni kkunsidrat li hija għandha biżżejjed informazzjoni biex tivvaluta l-prezz tal-esportazzjoni u l-marġni tad-dumping matul l-RIP (Taqsima 3.2.).

(32) Madankollu, id-data pprovduta mill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, instabet li għandha xi nuqqasijiet: erba' kumpaniji relatati mal-grupp u li kienu involuti fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-SRC ma kinux ipprovdew kwestjonarju separat kif meħtieġ. Billi naqsu milli jwieġbu kif meħtieġ dawn ma pprovdew l-ebda informazzjoni dwar il-bejgħ tagħhom għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra. Barra minn hekk, kumpanija relatata waħda mill-grupp, għalkemm hija kienet ipprovdiet tweġiba għall-kwestjonarju, naqset milli tirrapporta l-bejgħ tagħha għall-esportazzjoni lil pajjiżi terzi oħra fuq bażi tat-tip ta' prodott għal kull tranżazzjoni.

(33) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni infurmat lill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u dak il-grupp ingħata l-opportunità li jagħti l-kummenti tiegħu skont l-Artikolu 18(4) ta' dak ir-Regolament.

(34) Fil-kummenti tiegħu, il-grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera ma ċaħadx li kien naqas milli jipprovdi tweġiba għall-kwestjonarju għall-erba' kumpaniji relatati tiegħu. Madankollu, huwa sostna li ma kienx raġonevoli li jirrikjedi informazzjoni dwar il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi fuq il-bażi ta' kull tranżazzjoni skont in-Numru ta' Kontroll tal-Prodott ("PCN"). Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. L-informazzjoni mitluba kienet ikkunsidrata meħtieġa, għaliex, sabiex wieħed ibassar l-imġiba futura tal-produtturi fir-RPĊ, jekk il-miżuri jiskadu, huwa importanti li jkun hemm għarfien preċiż u sħiħ tal-imġiba attwali tagħhom meta jesportaw l-SRC lejn pajjiżi terzi oħra. Meta, bħal f'dan il-każ, parti ma tagħmilx l-akbar sforz possibbli biex tipprovdi s-sett sħiħ ta' data mitlub iżda tipprovdi biss parti minnu, li barra minn hekk mhuwiex dettaljat biżżejjed u ma jistax jiġi vverifikat, tali informazzjoni parzjali ma tistax titqies li hija preċiża u kompleta biżżejjed biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta kif xieraq, bl-għarfien sħiħ, l-imġiba tal-produtturi Ċiniżi meta jesportaw l-SRC lejn pajjiżi terzi oħra.

(35) Għalhekk, is-sejbiet fit-Taqsima 3.3.2 kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli. Għal dan il-għan, intużat l-informazzjoni pprovduta mill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkooperaw ħlief għall-bejgħ lejn pajjiżi terzi, it-talba għar-rieżami tal-iskadenza, is-sottomissjoni magħmula mill-applikanti, fuq l-informazzjoni mill-Istatistika Ċiniża dwar l-Esportazzjoni ([1]) ("bażi tad-data tar-RPĊ"), fuq informazzjoni mill-Bank Dinji u fuq informazzjoni oħra disponibbli għall-pubbliku sabiex tingħata stampa sħiħa tal-miżuri antidumping fis-seħħ fi swieq ta' pajjiżi terzi importanti oħra għall-SRC kif spjegat fil-premessa (68).

## 3.2. **Dumping**

(36) Dumping matul l-RIP għal esportazzjonijiet mir-RPĊ kien stabbilit fuq l-informazzjoni pprovduta mill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera li kien jirrappreżenta l-esportazzjonijiet kollha tal-SRC mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul l-RIP (ara l-premessa (18)).

### *Pajjiż terz b'ekonomija tas-suq*

(37) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ ma ngħata trattament ta' ekonomija tas-suq fl-investigazzjoni oriġinali. Skont l-Artikolu 2(7)(a) u (b) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi kollha għandu għalhekk jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Għal dan il-għan, kellu jintgħażel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq.

(38) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tuża lit-Turkija bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. In-Notifika ta' bidu indikat wkoll li jista' jkun hemm produzzjoni tal-prodott simili f'pajjiżi terzi oħra b'ekonomija tas-suq bħat-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Malasja. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-għażla ta' pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għall-fini li jiġi stabbilit il-valur normali fir-rigward tar-RPĊ. Ma wasal l-ebda kumment fiż-żmien speċifikat fin-Notifika ta' bidu.

([1]) http://info.hktdc.com/chinastat/gcb/index2.htm (kien aċċessat l-aħħar fit-28.9.2017)

(39) Kif indikat fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni eżaminat jekk hemmx produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili f'dawk il-pajjiżi terzi b'ekonomija tas-suq li għalihom kien hemm indikazzjonijiet li qiegħda ssir il-produzzjoni. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni tat-talba għal rieżami u l-informazzjoni statistika disponibbli (Eurostat), il-Kummissjoni identifikat pajjiżi terzi oħra b'ekonomija tas-suq potenzjali: Il-Kanada, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, il-Malasja, il-Messiku, ir-Russja, l-Afrika t'Isfel, l-Iżvizzera, it-Tajlandja, l-Ukrajna u l-Istati Uniti. Il-Kummissjoni identifikat 50 produttur potenzjali f'dawn il-pajjiżi, li ġew ikkuntattjati u mistiedna jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa.

(40) Madankollu, produttur wieħed biss fit-Turkija u ieħor fl-Istati Uniti ppreżentaw ruħhom u pprovdew l-informazzjoni mitluba.

***L-għażla tal-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq***

(41) B'kollox, kien hemm 15-il produttur potenzjali tal-prodott simili fl-Istati Uniti. Is-suq tal-Istati Uniti nstab ukoll li huwa suq miftuħ b'volumi ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni sinifikanti tal-SRC matul l-RIP. Ma kien hemm l-ebda dazju fuq l-importazzjoni jew dazju antidumping/kompensatorju fuq l-importazzjonijiet fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-SRC fl-Istati Uniti. Il-volum ta' produzzjoni tal-produttur li kkoopera fl-Istati Uniti kien sostanzjali meta mqabbel mal-produzzjoni totali stmata fl-Istati Uniti (li tammonta għal madwar 15 % sa 25 % tat-total stmat tal-produzzjoni domestika tal-Istati Uniti).

(42) Kien għalhekk ikkunsidrat li l-Istati Uniti kienu suq miftuħ u kbir, b'ħafna produtturi domestiċi u importazzjonijiet li jikkompetu ma' xulxin. Il-grad ta' kompetizzjoni nstab li huwa ogħla fl-Istati Uniti milli fit-Turkija. Barra minn hekk, kien hemm nuqqasijiet konsiderevoli fid-data pprovduta mill-produttur fit-Turkija u elementi essenzjali għad-determinazzjoni tal-valur normali kienu neqsin filwaqt li l-kwalità tat-tweġiba tal-produttur fl-Istati Uniti kienet kompluta biżżejjed biex jiġi stabbilit valur normali affidabbli fuq din il-bażi. Għalhekk, il-Kummissjoni għażlet lill-Istati Uniti bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa.

(43) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-adegwatezza tal-għażla tal-Istati Uniti bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Ma wasal l-ebda kumment sad-data ta' skadenza.

(44) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħżel l-Istati Uniti bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għal dan ir-rieżami.

***Il-valur normali***

(45) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ tal-produttur tal-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq tal-prodott simili fis-suq domestiku kienx rappreżentattiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Instab li l-bejgħ tal-prodott simili mill-produttur tal-Istati Uniti kooperanti kien qed isir fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku meta mqabbel mal-prodott taħt rieżami esportat lejn l-Unjoni mill-produttur esportatur Ċiniż.

(46) Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat jekk dan il-bejgħ jistax jitqies bħala li sar fil-perkors normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti. It-tranżazzjonijiet tal-bejgħ ġew ikkunsidrati bħala profittabbli meta l-prezz unitarju kien ugwali jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni tal-produttur Amerikan matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(47) Il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi ta' prodotti li għalihom aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ fis-suq domestiku kien ogħla mill-kost u l-prezz tal-bejgħ medju ppeżat ta' dan it-tip kien ugwali jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità. F'dawn il-każijiet, il-valur normali, skont it-tip ta' prodott, ġie kkalkulat bħala l-medja ppeżata tal-prezzijiet domestiċi reali tal-bejgħ kollu tat-tip ikkonċernat, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ kienx profittabbli jew le. Dan kien il-każ għal madwar 50 % tat-tipi ta' prodotti esportati lejn l-Unjoni.

(48) Fejn il-volum ta' bejgħ profittabbli ta' tip ta' prodott kien jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, li ġie kkalkulat bħala prezz medju ppeżat tal-bejgħ domestiku profittabbli biss ta' dak it-tip magħmul matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan kien il-każ għal madwar 50 % tat-tipi ta' prodotti esportati lejn l-UE.

(49) Għalhekk, għal kull tip ta' prodott, il-valur normali kien stabbilit abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku.

(50) Il-valur normali kien stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' bejgħ tal-SRC tal-produttur li kkoopera fl-Istati Uniti skont l-Artikolu 2(7)(a) u (b) kif ukoll l-Artikoli 2(1) sa 2(6) tar-Regolament bażiku.

*Il-prezz tal-esportazzjoni*

(51) Il-prezz tal-esportazzjoni kien ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-grupp ta' produtturi esportaturi li kkooperaw mir-RPĊ skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni li effettivament tħallsu jew li jistgħu jitħallsu lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni, li kien importatur mhux relatat.

*Tqabbil*

(52) Peress li ma setax jitqabbel il-PCN fil-livell kollu bejn it-tipi ta' prodotti esportati mill-grupp ta' produtturi esportaturi li kkooperaw u l-bejgħ domestiku fil-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, il-valur normali ġie ddeterminat abbażi tal-prezz domestiku f'dak il-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq b'tip ta' prodott li l-aktar jixbhu. Sabiex jiġu riflessi d-differenzi bejn it-tipi ta' prodotti, fid-determinazzjoni tal-valur normali tqiesu l-karatteristiċi tat-tip ta' prodott kif definit mill-PCN: il-kategorija tal-prodott, il-karatteristiċi tal-wajer, it-tip ta' ħabel, id-dijametru ta' barra u r-reżistenza għat-tensjoni. Saru aġġustamenti fil-firxa ta' minn 5 % sa 15 % sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi bejn it-tipi ta' prodotti skont l-Artikolu 2(10)(a) tar-Regolament bażiku.

(53) L-esportazzjonijiet mir-RPĊ huma soġġetti għal rifużjoni parzjali tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq l-esportazzjoni, filwaqt li fl-Istati Uniti t-taxxi kollha relatati mal-bejgħ domestiku huma rimborżati. Għalhekk, il-Kummissjoni għamlet aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku għad-differenza fil-VAT bejn il-bejgħ għall-esportazzjoni mir-RPĊ lejn l-Unjoni (fejn hija imposta rata ta' VAT ta' 17 % fuq l-esportazzjoni u li mbagħad 5 % minnha tiġi rimborżata) biex jiġi żgurat tqabbil ġust u f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita ([1]).

(54) Barra minn hekk, saru wkoll aġġustamenti fil-valur normali għal differenzi fl-ispejjeż tal-imballaġġ (inqas minn 2 %) u l-merkanzija domestika (f'firxa ta' minn 2 % sa 10 %) skont l-Artikolu 2(10)(e) u (f) tar-Regolament bażiku. Saru wkoll aġġustamenti fil-prezz tal-esportazzjoni għall-immaniġġar u t-tagħbija (inqas minn 1 %), il-merkanzija domestika fir-RPĊ (f'firxa ta' minn 1 % sa 5 %, l-ispejjeż għat-trasport tal-merkanzija bil-baħar (f'firxa ta' minn 1 % sa 5 %) u l-assigurazzjoni (inqas minn 1 %), skont l-Artikolu 2(10)(e) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, l-ispejjeż ta' kreditu (inqas minn 1 %) u t-tariffi bankarji (inqas minn 1 %) kienu wkoll imnaqqsa mill-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10)(g) u (k) tar-Regolament bażiku.

(55) Fl-aħħar nett, il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar permezz ta' kumpaniji relatati ta' bejgħ fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni ma eżaminatx jekk għal dan il-bejgħ kienx iġġustifikat aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Ir-raġuni għal dan kienet li l-għan ta' rieżami ta' skadenza mhuwiex li jiġu stabbiliti marġnijiet ta' dumping preċiżi, iżda li jiġi stabbilit jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

*Marġni tad-dumping*

(56) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, kif ikkalkulati fil-premessi minn (45) sa (51) sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-prezzijiet, għal kull tip ta' prodott. Kif previst fl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju ppeżat ta' kull tip ta' prodott simili fil-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq kien imqabbel mal-prezz medju ppeżat tal-esportazzjoni tat-tip ta' prodott korrispondenti tal-prodott soġġett għal rieżami.

(57) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping medju ppeżat espress bħala perċentwal tal-prezz CIF (Kost, Assigurazzjoni, Nol) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kien ta' 16,7 %.

### 3.3. **L-iżviluppi fl-importazzjonijiet jekk il-miżuri jiġu rrevokati**

(58) Wara li rriżulta dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni analizzat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk il-miżuri jiġu revokati. Ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, l-imġiba tal-esportazzjonijiet Ċiniżi f'pajjiżi terzi oħra, il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni.

(59) L-uniku grupp li kkoopera ta' produtturi esportaturi kien jirrappreżenta inqas minn 3 % tal-kapaċità ta' produzzjoni totali u inqas minn 2 % tal-produzzjoni totali ta' SRC fir-RPĊ. Minħabba li l-ebda produttur ieħor tal-SRC fir-RPĊ ma kkoopera, l-eżami tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping sabiex jiġi vvalutat l-iżvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li l-miżuri jiġu revokati, kien ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli

([1]) Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-15/12 P, Sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, EU:C:2013:572, il-paragrafi 34-35.

għall-Kummissjoni, jiġifieri l-informazzjoni pprovduta mill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera, it-talba għal rieżami ta' skadenza, l-informazzjoni mill-bażi tad-data tar-RPĊ, l-informazzjoni mill-Bank Dinji u informazzjoni oħra disponibbli għall-pubbliku kif spjegat fil-premessa (68) sabiex tingħata stampa sħiħa tal-miżuri antidumping fis-seħħ fi swieq importanti oħra għall-SRC.

3.3.1. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(60) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra fil-fajl, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha fuq it-talba għal rieżami tal-iskadenza li kienet tinkludi studju li janalizza "L-Iżviluppi min-naħa tal-Provvista u tad-Domanda fl-Industrija Ċiniża tal-Ħbula tal-Wajer tal-Azzar għall-2012-2016 anki fil-Futur Qarib" ("l-istudju"). Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni għall-SRC fir-RPĊ kienet stmata għal 5,8 miljun tunnellata fis-sena, il-produzzjoni reali kienet stmata għal madwar 4,0 miljun tunnellata fis-sena u, b'riżultat ta' dan, il-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ kienet stmata għal madwar 1,8 miljun tunnellata fl-2016, li jaqbżu sew il-konsum totali tal-Unjoni tal-SRC matul l-RIP kif muri fil-premessa (75) b'aktar minn għaxar darbiet.

(61) L-istudju indika li l-konsum domestiku fir-RPĊ ammonta għal madwar 3,8 miljun tunnellata fis-sena. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda element li jista' jindika kwalunkwe żieda sinifikanti fid-domanda domestika fiċ-Ċina fil-futur qrib. L-istess jgħodd għall-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi oħra, peress li m'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli li tindika kwalunkwe żieda sinifikanti fid-domanda għall-SRC madwar id-dinja.

(62) Fir-rigward tat-talba għal rieżami ta' skadenza u b'mod aktar speċifiku tal-istudju, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-informazzjoni inkluża fih ma ġiet ikkontestata mill-ebda parti interessata. Barra minn hekk, kif indikat fil-premessi (17) u (18), huwa mfakkar ukoll li l-parti l-kbira tal-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-SRC ma pprovdewx l-informazzjoni meħtieġa kif mitlub u li l-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera, li jirrappreżenta inqas minn 3 % tat-total tal-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża, ikoopera u pprovda l-informazzjoni rilevanti kif mitlub.

(63) Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, tqies li la d-domanda domestika, u lanqas d-domanda dinjija tal-SRC mhu se jkunu jistgħu jassorbu l-kapaċità ta' riżerva sinifikanti disponibbli fiċ-Ċina.

3.3.2. *L-imġiba tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra*

(64) Kif spjegat fil-premessi minn (32) sa (35), l-informazzjoni sottomessa mill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera ma setgħetx tintuża biex tiġi vvalutata kif xieraq l-imġiba tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha toqgħod fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sabiex tivvaluta din l-imġiba. Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni użat il-bażi tad-data tar-RPĊ kif sar fir-rieżami ta' skadenza preċedenti ([1]).

(65) Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-bażi tad-data tar-RPĊ tkopri kamp ta' applikazzjoni usa' tal-prodott milli mill-prodott soġġett għal rieżami peress li jinkludi wkoll wajers bis-swiegli, ħbula u kejbils tal-azzar inossidabbli kif ukoll ħbula u kejbils tal-azzar b'dimensjoni trasversali massima li ma taqbiżx it-3 mm. Għalhekk, ma setgħet issir l-ebda analiżi sinifikanti tal-kwantitajiet esportati lejn swieq oħra fuq il-bażi tal-informazzjoni misjuba fil-bażi tad-data tar-RPĊ. Madankollu, xorta setgħet tintuża l-bażi tad-data tar-RPĊ għall-analiżi tal-prezzijiet. L-analiżi tal-prezzijiet hija bbażata fuq stimi raġonevoli minħabba l-karatteristiċi simili tal-prodotti l-oħra li possibbilment kienu inklużi fl-analiżi.

(66) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li meta wieħed iqabbel il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-ħames swieq tal-esportazzjoni ewlenin tagħhom għajr l-Unjoni (li huma l-Indja, il-Korea t'Isfel, it-Tajlandja, l-Istati Uniti u l-Vjetnam), mal-valur normali stabbilit fil-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq kif deskritt fil-premessi minn (45) sa (50), il-marġnijiet tad-dumping kienu jvarjaw bejn 129 % u 314 % matul l-RIP. L-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-SRC lejn dawn il-ħames swieq oħra jammontaw għal madwar 40 % tal-esportazzjonijiet totali Ċiniżi tal-SRC madwar id-dinja. Fuq l-istess bażi, il-marġni tad-dumping għal bejgħ lejn l-Unjoni ammonta għal 97 %.

(67) Għalhekk, l-esportazzjonijiet tal-SRC lejn pajjiżi terzi oħra mir-RPĊ x'aktarx li kienu oġġett ta' dumping f'livelli saħansitra ogħla mill-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni matul l-RIP. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra jista' jitqies bħala indikatur tal-livell tal-prezzijiet probabbli għall-bejgħ tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiġu revokati. Fid-dawl tal-livelli baxxi ta' prezzijiet għas-swieq ta' pajjiżi terzi, ġie konkluż li hemm marġni konsiderevoli biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, li potenzjalment iwassal għal żieda fid-dumping.

([1]) Bħala referenza ara l-Premessa (51) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012.

(68) Barra minn hekk, skont id-data pubblikament disponibbli ([1]), il-miżuri antidumping fuq importzzjonijiet tal-SRC li joriġinaw mir-RPĊ huma wkoll fis-seħħ fit-Turkija ([2]), il-Messiku ([3]) u l-Brażil ([4]). Il-Kolombja reċentament bdiet investigazzjoni antidumping fuq importazzjonijiet tal-SRC li joriġinaw miċ-Ċina ([5]) u f'Diċembru 2017 imponiet miżuri antidumping provviżorji ta' 15 %. Dan jindika b'mod ċar li SRC mingħand produtturi esportaturi Ċiniżi ġew esportati wkoll lejn swieq oħra bi prezzijiet li huma oġġett ta' dumping. Dan jindika wkoll li l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi lejn dawn is-swieq huma jew se jkunu ristretti u li l-produtturi esportaturi tal-SRC Ċiniżi jkollhom isibu swieq alternattivi għall-kapaċità ta' riżerva tagħhom.

3.3.3. *L-attrattività tas-suq tal-Unjoni*

(69) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, kif spjegat fil-premessa (66), instab li l-produtturi esportaturi mir-RPĊ jistgħu jiksbu prezzijiet ogħla fis-suq tal-Unjoni milli f'pajjiżi terzi oħra. Skont il-bażi tad-data tar-RPĊ, fl-RIP il-medja tal-prezz tal-esportazzjoni FOB (frank abbord) lejn l-Unjoni kienet ta' EUR 1 688/tunnellata filwaqt li din kienet tammonta biss bħala medja għal EUR 1 191/tunnellata meta d-destinazzjoni tagħha kienet lejn is-swieq tal-ħames pajjiżi terzi ewlenin. Għalhekk, il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi kienu madwar 30 % aktar baxxi mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni (meta ma jiġux ikkunsidrati d-dazji antidumping imħallsa fis-suq tal-Unjoni). Dan jindika li s-suq tal-Unjoni huwa suq attraenti minħabba li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jistgħu jiġġeneraw profitti akbar mill-bejgħ lejn l-Unjoni milli mill-bejgħ lejn swieq oħra tal-esportazzjoni.

3.3.4. *Konklużjoni*

(70) Bħala konklużjoni, il-marġni tad-dumping stabbilit waqt l-RIP, il-kapaċità ta' riżerva sinifikanti disponibbli fir-RPĊ, l-attrattività stabbilita tas-suq tal-Unjoni u l-imġiba tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, jindikaw li revoka tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'kontinwazzjoni ta' dumping, u li l-esportazzjonijiet oġġett ta' dumping jidħlu fis-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti. Għalhekk huwa kkunsidrat li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk il-miżuri antidumping attwali jitħallew jiskadu.

## 4. **IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' ĦSARA**

### 4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(71) Fl-Unjoni, l-SRC kienu mmanifatturati minn aktar minn 22 produttur/grupp ta' produtturi matul l-RIP. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(72) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul l-RIP ġiet stabbilita fil-livell ta' 168 701 tunnellata fuq il-bażi tat-talba għal rieżami, id-data addizzjonali pprovduta mill-applikant u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(73) Kif indikat fil-premessa (19), intgħażel kampjun li jikkonsisti minn sitt produtturi/gruppi ta' produtturi. Il-Kummissjoni rċeviet u vverifikat it-tweġibiet għall-kwestjonarju minn ħames produtturi tal-Unjoni. Il-ħames produtturi kienu jirrappreżentaw 43 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul l-RIP. Għalhekk, il-kampjun xorta kien ikkunsidrat bħala rappreżentattiv biżżejjed għall-industrija tal-Unjoni.

### 4.2. **Il-konsum tal-Unjoni**

(74) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni fuq il-bażi tad-data rrapportata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)") u d-data vverifikata mill-grupp ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li kkoopera.

([1]) Bown, Chad, P. (2016) "Global Antidumping Database", Il-Bank Dinji, Ġunju, sors: http://econ.worldbank.org/ttbd/gad/
([2]) Il-livell tad-dazju jammonta għal 1 000 USD/tunnellata.
([3]) Il-livell tad-dazju jammonta għal 2 580 USD/tunnellata.
([4]) Il-livell tad-dazju jvarja bejn 124,33 u 627 USD/tunnellata.
([5]) http://www.mincit.gov.co/loader.php?lServicio=Documentos&lFuncion=verPdf&id=82791&name=Resolucion_220_del_15_de_diciembre_de_2017__Preliminar_cables_y_torones_....pdf&prefijo=file (aċċessat l-aħħar fit-2.2.2018).

(75) It-Tabella 1 turi kif il-konsum tal-Unjoni żviluppa matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 1*

**Konsum tal-Unjoni**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Konsum Totali (*f'tunnellati*) | 175 589 | 175 675 | 170 454 | 164 446 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *100* | *97* | *94* |

*Sors:* Il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6), id-data verifikata

(76) Il-konsum tal-Unjoni baqa' stabbli mill-2013 sal-2014 u naqas b'6 % bejn l-2014 u l-RIP.

## 4.3. **Importazzjonijiet mir-RPĊ**

### 4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ*

(77) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fuq il-bażi tat-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju mill-grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera u d-data mill-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6) matul il-perjodu kkunsidrat.

(78) Fuq din il-bażi, l-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ u s-sehem mis-suq tagħha żviluppaw kif ġej:

*Tabella 2*

**Il-volum tal-importazzjonijiet u s-Sehem mis-suq**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet (f'tunnellati) | 2 697 | 1 780 | 3 207 | 2 005 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *66* | *119* | *74* |
| Sehem mis-suq (%) | 1,5 | 1,0 | 1,9 | 1,2 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *66* | *122* | *79* |

*Sors:* Il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6), id-data vverifikata

(79) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-importazzjonijiet tal-SRC mir-RPĊ varja minn sena għal sena. It-tnaqqis ta' 34 % bejn is-snin 2013-2014 kien segwit minn żieda ta' 80 % matul is-snin 2014-2015 [1]. Fl-aħħar nett fl-RIP, il-volum tal-importazzjonijiet naqas minn 2 697 fl-2013 għal 2 005 tunnellati. B'mod ġenerali, il-volum tal-importazzjonijiet naqas b'26 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(80) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ segwa xejra simili. B'mod ġenerali, dan naqas minn 1,5 % għal 1,2 % matul il-perjodu kkunsidrat.

### 4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ*

(81) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tat-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-grupp ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li koopera u d-data mill-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6) matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppa kif ġej:

*Tabella 3*

**Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju mingħajr dazju (*EUR/tunnellata*) | 1 712 | 1 360 | 1 669 | 2 474 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *79* | *98* | *145* |

*Sors:* Il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6), id-data vverifikata

[1] Żieda perċentwali fil-volum tal-importazzjonijiet, Tabella 2: (119 – 66)/66 = 0,80 * 100 = 80 %

(82) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezz medju tal-prodott importat mir-RPĊ varja minn sena għal sena. Fil-bidu, il-prezz naqas b'21 % fl-2014. Fl-2015, il-prezzijiet żdiedu, billi kważi laħqu l-livell tal-2013 u komplew jiżdiedu fl-RIP. B'mod ġenerali, il-prezzijiet żdiedu b'45 % matul il-perjodu kkunsidrat.

### 4.4. **It-twaqqigħ tal-prezz**

(83) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ppeżati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitluba lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika; kif ukoll

(b) il-prezzijiet medji ppeżati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-grupp ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li kkoopera, għal għand l-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq il-bażi ta' Kost, Assigurazzjoni, Nol (CIF). L-ebda wieħed mit-tmien tipi ta' prodotti esportati lejn l-Unjoni mill-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera ma kien mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. Għal raġunijiet ta' tqabbil, it-tipi ta' prodotti ġew issimplifikati billi ġiet ristretta s-saħħa tensili ([1]) u billi tittieħedet medja għall-komponent tal-prezz għad-differenzi fid-dijametru ([2]). Meta ġie applikat dan il-metodu, kien stabbilit qbil ta' 100 %.

(84) Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-prezz medju ppeżat tal-industrija tal-Unjoni matul l-RIP. In-nuqqas ta' twaqqigħ tal-prezz jindika l-effettività tal-miżuri. Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu u l-produtturi esportaturi tal-SRC Ċiniżi jżommu l-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom f'livell simili, il-marġni tat-twaqqigħ jista' jiġi kkalkulat billi jitnaqqas id-dazju antidumping mill-prezz tal-importazzjoni. Il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz stabbilit b'dan il-mod jammonta għal 36,3 %. Dan huwa kkunsidrat bħala indikazzjoni raġonevoli tal-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjoni possibbli fil-ġejjieni lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 4.5. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ħlief ir-RPĊ**

(85) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ prinċipalment ġejjin mir-Repubblika tal-Korea, it-Turkija, it-Tajlandja, ir-Russja u l-Malasja.

(86) Il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' dawn l-importazzjonijiet huwa muri fit-Tabella 4 kif ukoll is-sehem mis-suq tagħhom u l-prezzijiet medji:

*Tabella 4*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ħlief ir-RPĊ**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 63 381 | 65 336 | 63 747 | 63 798 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *103* | *101* | *101* |
| Sehem mis-suq (%) | 36,1 | 37,2 | 37,4 | 38,8 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 1 712 | 1 588 | 1 624 | 1 488 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *93* | *95* | *87* |

*Sors:* Il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6), id-data verifikata

(87) Kollox ma' kollox il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra baqa' pjuttost stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, b'żieda żgħira ta' 1 %.

(88) Peress li l-konsum totali tal-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat, din iż-żieda ssarrfet f'żieda fis-sehem mis-suq tagħhom minn 36,1 % għal 38,8 % matul dan il-perjodu.

([1]) Ir-reżistenza għat-tensjoni ta' kejbil tindika l-kapaċità tiegħu li jirreżisti f'ċertu tensjoni.

([2]) (i) medja taż-żewġ PCNs bl-eqreb dijametru possibbli (1 mm inqas u 1 mm iktar) u applikata għad-data tal-industrija tal-Unjoni, dment li ċ-ċifri l-oħra kollha tal-istruttura PCN kienu l-istess (tapplika għas-sitt u s-seba' PCN); (ii) il-prezz unitarju tal-eqreb dijametru u l-applikazzjoni ta' proporzjon li jirrappreżenta d-differenza fil-prezz tad-dijametru meta jsir paragun bejn il-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni tal-istess dijametri u applikat għad-data tal-industrija tal-Unjoni.

(89) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezz medju tal-prodott importat minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ varja minn sena għal sena. Fil-bidu, il-prezz naqas b'7 % fl-2014. Fl-2015, il-prezzijiet żdiedu bi 2 %, biex reġgħu naqsu bi 8 % matul l-RIP. B'mod ġenerali, il-prezzijiet naqsu bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.5.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi li għalihom ġew estiżi l-miżuri*

***Ir-Repubblika tal-Korea***

(90) Ir-Repubblika tal-Korea għandha t-tieni l-akbar sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni wara l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(91) Kif imsemmi fil-premessa (4), iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri oriġinali fuq l-importazzjonijiet tal-SRC mir-RPĊ seħħet permezz tar-Repubblika tal-Korea. Konsegwentement, fl-2010, id-dazju antidumping impost fuq importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ ġie estiż għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkonsenjat mir-Repubblika tal-Korea, bl-eċċezzjoni ta' dawk immanifatturati minn 15-il produttur esportatur Korean ġenwin.

(92) Prattikament l-importazzjonijiet kollha tal-SRC mir-Repubblika tal-Korea lejn l-Unjoni matul l-RIP kienu qed joriġinaw mill-produtturi esportaturi eżentati mid-dazju antidumping estiż, jiġifieri 99,98 % tal-importazzjonijiet Koreani kollha.

(93) It-Tabella 5 turi kif il-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Koreani lejn l-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 5*

**Il-volum tal-importazzjonijiet, is-sehem mis-suq u l-prezz medju mill-Korea**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 36 800 | 34 157 | 30 274 | 32 928 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *93* | *82* | *89* |
| Sehem mis-suq (%) | 21,0 | 19,4 | 17,8 | 20,0 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *93* | *85* | *96* |
| Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 559 | 1 621 | 1 646 | 1 506 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *104* | *106* | *97* |

*Sors:* Il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)

(94) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea naqas bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat, b'rata kemm kemm ogħla mix-xejra 'l isfel tal-konsum.

(95) Peress li t-tnaqqis fir-rata tal-volum tal-importazzjonijiet kien ogħla mit-tnaqqis fir-rata tal-konsum, is-sehem mis-suq naqas biss bi ftit minn 21,0 % għal 20,0 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(96) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet żdied b'6 % bejn l-2013 u l-2015 u mbagħad naqas b'9 % matul l-RIP, li jirrappreżenta tnaqqis globali ta' 3 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezz medju (CIF, l-ebda dazju inkluż) kien ta' 48 % aktar baxx mill-prezz medju (EXW) tal-industrija tal-Unjoni.

***Il-Marokk***

(97) L-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Marokk jew ikkonsenjati mill-Marokk nstabu li kienu qrib iż-żero matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, l-ebda analiżi oħra ma tqieset li kienet meħtieġa.

4.5.2. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li kienu soġġetti għal dazji antidumping matul il-perjodu kkunsidrat*

***L-Ukrajna u l-Moldova***

(98) Matul il-perjodu kkunsidrat, kien għadu fis-seħħ dazju antidumping ta' 51,8 %, fuq l-importazzjonijiet tal-SRC li joriġinaw mill-Ukrajna kif kien estiż għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkonsenjati mill-Moldova, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Moldova u sew jekk le.

(99) Dawn il-miżuri skadew fl-10 ta' Frar 2017, kif spjegat fil-premessa (11).

(100) L-importazzjonijiet li joriġinaw jew li jiġu kkonsenjati mill-Ukrajna u mill-Moldova nstabu li kienu qrib iż-żero matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, l-ebda analiżi oħra ma tqieset li kienet meħtieġa għall-perjodu kkunsidrat.

4.5.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra*

(101) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi li jifdal kienu prinċipalment mit-Turkija, mit-Tajlandja, mir-Russja u mill-Malasja. It-Tabella 6 turi kif dawn l-importazzjonijiet żviluppaw:

*Tabella 6*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| **It-Turkija** | | | | |
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 6 814 | 8 608 | 7 508 | 7 028 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *126* | *110* | *103* |
| Sehem mis-suq (%) | 3,9 | 4,9 | 4,4 | 4,3 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 1 384 | 1 322 | 1 328 | 1 255 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *95* | *96* | *91* |
| **It-Tajlandja** | | | | |
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 5 206 | 6 514 | 6 268 | 6 122 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *125* | *120* | *118* |
| Sehem mis-suq (%) | 3,0 | 3,7 | 3,7 | 3,7 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 1 445 | 1 391 | 1 656 | 1 468 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *115* | *102* |
| **Ir-Russja** | | | | |
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 1 639 | 3 541 | 5 063 | 4 838 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *216* | *309* | *295* |
| Sehem mis-suq (%) | 0,9 | 2,0 | 3,0 | 2,9 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 1 341 | 1 150 | 1 135 | 1 057 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *86* | *85* | *79* |
| **Il-Malasja** | | | | |
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 4 525 | 4 377 | 5 932 | 4 530 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *97* | *131* | *100* |
| Sehem mis-suq (%) | 2,6 | 2,5 | 3,5 | 2,8 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 1 552 | 1 416 | 1 437 | 1 343 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *91* | *93* | *87* |

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| **Pajjiżi oħra** | | | | |
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 8 257 | 8 061 | 8 701 | 8 294 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *98* | *105* | *100* |
| Sehem mis-suq (%) | 4,7 | 4,6 | 5,1 | 5,0 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 2 951 | 2 180 | 2 196 | 1 967 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *108* | *100* |
| **Total** | | | | |
| Importazzjonijiet (*f'tunnellati*) | 26 441 | 31 102 | 33 472 | 30 812 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *118* | *127* | *117* |
| Sehem mis-suq (%) | 15 | 18 | 20 | 19 |
| Prezz medju (*EUR/tunnellata*) | 1 912 | 1 552 | 1 605 | 1 471 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *81* | *84* | *77* |

*Sors:* Il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)

(102) It-total ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żdied b'27 % matul il-perjodu 2013-2015. Fl-RIP, l-importazzjonijiet naqsu b'10 %. B'mod ġenerali, l-importazzjonijiet żdiedu bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat. Billi kien hemm tnaqqis fil-konsum matul il-perjodu kkunsidrat kif deskritt fil-premessa (76), is-sehem mis-suq tal-pajjiżi terzi l-oħra żdied minn 15 % għal 19 % matul l-istess perjodu.

(103) L-importazzjonijiet mit-Turkija varjaw matul il-perjodu kkunsidrat, iżda fl-RIP laħqu livell simili bħal fl-2013 (fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat), jiġifieri 7 028 tunnellata. Kollox ma' kollox is-sehem mis-suq tagħhom baqa' pjuttost stabbli b'żieda żgħira ta' 0,4 punti perċentwali matul il-perjodu kunsidrat, jiġifieri minn 3,9 % fl-2013 għal 4,3 % matul l-RIP. Il-prezz medju naqas b'9 %.

(104) L-importazzjonijiet mit-Tajlandja żdiedu b'25 % bejn l-2013 u l-2014, iżda sussegwentement raw tnaqqis kontinwu u laħqu s-6 122 tunnellata fl-RIP, żieda minn 5 206 fl-2013. B'mod ġenerali, l-importazzjonijiet naqsu bi 18 % fil-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq żdied ukoll fl-2014 u baqa' stabbli sal-RIP. Il-prezz medju tal-importazzjoni varja matul il-perjodu 2014-2015 (– 4 %, + 15 %) u fl-RIP laħaq livell ta' 2 % 'l fuq mil-livell tal-2013.

(105) L-importazzjonijiet mir-Russja żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, iżda baqgħu f'livelli relattivament baxxi matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq żdied ukoll, minn 0,9 % għal 2,9 %. Il-prezz medju naqas b'21 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(106) L-importazzjonijiet mill-Malasja varjaw sa mill-bidu tal-perjodu kkunsidrat iżda fl-RIP laħqu kważi l-istess livell bħal fl-2013, jiġifieri 4 530 tunnellata. B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat, minkejja l-fluttwazzjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Malasjani tal-SRC żdied biss bi ftit, jiġifieri b'0,2 punti perċentwali. Il-medja tal-prezz tal-importazzjoni naqset bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(107) Matul l-RIP, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-SRC mit-Turkija, mit-Tajlandja, mir-Russja u mill-Malasja kienu bħala medja aktar baxxi mill-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni (b'minn 49 % sa 63 %). Huma kienu wkoll aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ (b'41 %-57 %).

### 4.6. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

#### 4.6.1. *Kummenti ġenerali*

(108) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet kollha rilevanti li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(109) Biex tiddetermina l-ħsara, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u l-indikaturi tal-ħsara mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-indikaturi makroekonomiċi relatati mal-industrija kollha tal-Unjoni fuq il-bażi tad-data miksuba mill-applikant, kontroverifikata mal-informazzjoni pprovduta minn għadd ta' produtturi tal-Unjoni fl-istadju ta' qabel il-bidu u mat-tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-Kummissjoni vvalutat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-data li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li kienu vverifikati. Iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(110) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività u d-daqs tal-marġni tad-dumping.

(111) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju medju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.6.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.6.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(112) It-Tabella 7 turi l-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppati matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 7*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni (tunnellati) | 206 053 | 203 763 | 193 757 | 168 701 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *94* | *82* |
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 290 092 | 299 773 | 301 160 | 305 550 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *103* | *104* | *105* |
| L-użu tal-kapaċità (%) | 71 | 68 | 64 | 55 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *91* | *78* |

*Sors:* L-applikant, informazzjoni fl-istadju ta'qabel il-bidu u t-tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati

(113) Il-volum totali tal-produzzjoni baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu 2013-2014 u naqas b'5 % fl-2015. Madankollu fl-RIP, il-volum tal-produzzjoni naqas aktar bi 12 %. B'mod ġenerali, il-volum tal-produzzjoni naqas bi 18 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(114) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet ftit matul il-perjodu kkunsidrat u globalment b'5 % biss.

(115) Konsegwentement, ir-rata tal-użu tal-kapaċità naqset minn 71 % fl-2013 għal 55 % fl-RIP. B'mod ġenerali, ir-rata tal-użu tal-kapaċità naqset bi 22 % matul il-perjodu kkunsidrat, wara t-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni.

4.6.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(116) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 8*

**Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-bejgħ (*tunnellati*) | 109 511 | 108 559 | 103 499 | 98 643 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *95* | *90* |

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Sehem mis-suq (%) | 62,4 | 61,8 | 60,7 | 60,0 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *97* | *96* |

*Sors:* L-applikant, informazzjoni fl-istadju ta'qabel il-bidu u t-tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati.

(117) Il-volum tal-bejgħ segwa x-xejra tal-volum tal-produzzjoni. Dan baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu 2013-2014 u naqas b'5 % fl-2015. Fl-RIP, il-volum tal-produzzjoni kompla jonqos b'5 %. B'mod ġenerali, il-volum tal-bejgħ naqas b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(118) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 2,4 punti perċentwali, minn 62,4 % għal 60,0 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.2.3. Tkabbir

(119) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni naqas b'6 %. Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'livell saħansitra ogħla, jiġifieri b'10 %. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf ta' 2,4 punti perċentwali fis-sehem mis-suq. It-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ ġie rifless ukoll fl-użu tal-kapaċità li naqas bi 22 %.

4.6.2.4. L-impjiegi u l-produttività

(120) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 9*

**Impjiegi u produttività**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | 3 329 | 3 309 | 3 238 | 3 026 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *97* | *91* |
| Produttività (tunnellati/impjegat) | 62 | 62 | 60 | 56 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *97* | *90* |

*Sors:* L-applikant, informazzjoni fl-istadju ta'qabel il-bidu u t-tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati

(121) L-għadd ta' impjegati fl-industrija tal-Unjoni naqas b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat, it-tnaqqis ewlieni seħħ matul l-RIP. Dan segwa t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ kif deskritt fil-premessi (113) u (117).

(122) Bħala riżultat ta' rata ogħla ta' tnaqqis fil-produzzjoni meta mqabbel mat-tnaqqis fl-għadd ta' impjegati, il-produttività naqset b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.2.5. Id-daqs tal-marġni tad-dumping u tal-irkupru minn dumping fil-passat

(123) L-investigazzjoni stabbiliet fil-premessa (57) li l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ baqgħu oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni b'rata ta' dumping ta' 16,7 %. Il-volum tal-importazzjonijiet kien baxx minħabba l-effikaċja tal-miżuri antidumping fis-seħħ. Madankollu, iċ-Ċiniżi baqgħu preżenti fis-suq tal-Unjoni billi żammew sehem mis-suq ta' 1,2 % matul l-RIP (ara t-Tabella 2).

(124) Fir-rieżami tal-iskadenza preċedenti, l-industrija tal-Unjoni wriet sinjali ta' rkupru mill-effetti ta' dumping fil-passat. Matul il-perjodu kkunsidrat, kien hemm tnaqqis fir-ritmu tal-proċess ta' rkupru, bl-indikaturi prinċipali tal-ħsara juru xejra ta' tnaqqis. Barra minn hekk, domanda aktar baxxa għal komoditajiet bl-ingrossa u tnaqqis fil-prezz taż-żejt wasslu għal anqas attività fis-setturi tal-minjieri kif ukoll taż-żejt u l-gass. Sussegwentement, kien hemm impatt negattiv fid-domanda għall-SRC, li kkawża tnaqqis fil-konsum ta' 6 % matul il-perjodu kkunsidrat (ara t-Tabella 1).

(125) Minħabba tnaqqis gradwali fil-prezzijiet tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkompli tirkupra mill-effetti ta' dumping fil-passat.

4.6.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.6.3.1. Prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(126) Matul il-perjodu kkunsidat, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej:

*Tabella 10*

**Prezzijiet medji tal-bejgħ u l-kostijiet unitarji**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata) | 3 297 | 3 133 | 2 950 | 2 887 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *95* | *89* | *88* |
| Il-kost tal-produzzjoni għal kull unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata) | 2 774 | 2 866 | 3 072 | 3 138 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *103* | *111* | *113* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati

(127) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni naqas bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(128) Fl-istess ħin il-kost medju ta' produzzjoni għal kull unità żdied bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat. Din iż-żieda fil-kost unitarju kienet dovuta prinċipalment għat-tnaqqis fil-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ (18 % u 10 % rispettivament matul il-perjodu kkunsidrat fil-premessi (113) (ara t-Tabella 7) u (117) (ara t-Tabella 8). Ta' min jinnota li din iż-żieda fil-kost unitarju seħħet minkejja tnaqqis fil-kost ta' produzzjoni totali matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, għalkemm l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tnaqqas il-kost totali tal-produzzjoni, din ma kinitx kapaċi tnaqqas il-kost għal kull unità minħabba t-tnaqqis estensiv fil-produzzjoni u fil-volum tal-bejgħ.

4.6.3.2. Kostijiet lavorattivi

(129) Matul il-perjodu kkunsidrat il-kost lavorattiv medju tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 11*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat | 48 708 | 48 277 | 51 586 | 50 021 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *106* | *103* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati

(130) B'mod ġenerali, il-kostijiet lavorattivi medji żdiedu ftit bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat wara fluttwazzjonijiet żgħar matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.3.3. Inventarji

(131) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 12*

**Inventarji**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 15 191 | 15 889 | 15 260 | 14 796 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *105* | *100* | *97* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%) | 16,7 | 17,4 | 17,4 | 23,0 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *104* | *105* | *138* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati

(132) Il-livell tal-inventarji naqas ftit bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat. Billi l-industrija tal-Unjoni trid iżżomm stokk minimu tal-aktar tipi komuni ta' SRC għal kopertura immedjata tad-domanda, l-inventarji ma setgħux jitnaqqsu aktar u b'riżultat ta' dan il-valur tagħhom bħala perċentwal tal-produzzjoni żdied bi 38 %.

4.6.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(133) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 13*

**Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2013 | 2014 | 2015 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Profittabbiltà tal-bejgħ totali fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (%) | 7,5 | 6,1 | 2,6 | – 1,6 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *81* | *34* | *– 21* |
| Fluss tal-flus (f'eluf ta' EUR) | 42 881 | 36 692 | 33 631 | 8 885 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *86* | *78* | *21* |
| Investimenti (f'eluf ta' EUR) | 12 014 | 8 843 | 9 003 | 5 950 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *74* | *75* | *50* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 33,3 | 20,8 | 8,6 | – 5,2 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *62* | *26* | *– 16* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati

(134) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset matul il-perjodu kkunsidrat, fl-2013 bdiet b'7,5 % profitt u fil-PIR spiċċat b'telf ta' 1,6 %.

(135) Il-fluss tal-flus naqas b'mod drastiku matul il-perjodu kkunsidrat b'79 %. Dan huwa indikatur addizzjonali tal-prestazzjoni ħażina tal-industrija tal-Unjoni fl-attivitajiet operattivi u n-nuqqas ta' likwidità li hija kellha tiffaċċja.

(136) Sussegwentement, l-investimenti naqsu għal 50 % matul il-perjodu kkunsidrat. Minħabba t-tnaqqis fil-marġnijiet ta' profitt u l-pressjoni għolja fuq il-prezzijiet, l-investimenti kienu fil-biċċa l-kbira limitati għal dawk ikkawżati mir-rekwiżiti ambjentali jew ta' sigurtà. Fl-istess ħin, kien hemm biss ftit investimenti għall-operat u t-teknoloġija tal-produzzjoni sabiex tittejjeb l-effiċjenza u l-produttività matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(137) Ir-redditu fuq l-investimenti jkejjel il-qligħ jew it-telf iġġenerat fuq investiment meta mqabbel mal-ammont ta' flus investiti. Matul il-perjodu kkunsidrat naqas minn 33,3 % għal – 5,2 % fin-negattiv.

4.6.4. *Konklużjoni dwar il-ħsara*

(138) Minħabba d-dazji antidumping fis-seħħ, l-industrija tal-Unjoni kompliet tirkupra mill-effetti ta' dumping ta' ħsara fil-passat għall-ewwel sentejn bejn l-2013-2014 tal-perjodu kkunsidrat, u rnexxielha żżomm marġni ta' profitt li jaqbeż il-profitt fil-mira ta' 5 %.

(139) Madankollu, domanda aktar baxxa għall-komoditajiet bl-ingrossa u tnaqqis fil-prezz taż-żejt wasslu għal tnaqqis fl-attività fis-setturi tal-minjieri kif ukoll taż-żejt u l-gass. Konsegwentement, id-domanda għall-SRC naqset matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni kienet milquta direttament minn dan it-tnaqqis fid-domanda li fisser tnaqqis fil-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tagħha kif ukoll fis-sehem mis-suq tagħha. Fl-istess ħin, is-sehem tal-SRC bi prezz baxx żdied, u dan wassal għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-Unjoni u aktar deterjorament tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha. Għalhekk, kważi l-indikaturi tal-ħsara kollha ddeterjoraw. Fuq din il-bażi, qed jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni sofriet ħsara materjali.

(140) L-importazzjonijiet tal-SRC mir-RPĊ kellhom impatt negattiv limitat fuq il-qagħda dannuża tal-industrija tal-Unjoni. Minħabba l-miżuri fis-seħħ, is-sehem mis-suq tagħha kien baxx matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-importazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi baqgħu preżenti fis-suq tal-Unjoni.

(141) Fl-istess ħin l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kellhom sehem kumplessiv mis-suq ta' 38,8 %, b'tendenza li jiżdiedu ftit matul il-perjodu kkunsidrat (ara t-Tabella 4). Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kellhom xejra ta' tnaqqis b'livelli fil-biċċa l-kbira taħt il-livell tal-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, dawn l-importazzjonijiet affettwaw il-qagħda dannuża tal-industrija tal-Unjoni b'mod konsiderevoli. Kif diġà ġie analizzat fil-premessi (85)-(89), matul il-perjodu kkunsidrat, dawn irnexxielhom mhux biss iżommu s-sehem mis-suq tagħhom iżda saħansitra jżiduh. Barra minn hekk, matul l-istess perjodu, il-prezz medju tal-importazzjonijiet naqas (il-premessa (89)) u dan kkawża aktar pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-Unjoni, biex matul il-perjodu kkunsidrat (ara l-premessa (127)) wassal għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-Unjoni ta' 12 % u għal aktar deterjorament fil-prestazzjoni finanzjarja tagħha.

(142) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Industrija tal-Unjoni bbenefikat mill-miżuri oriġinali, peress li kompliet tirkupra mill-effetti ta' dumping ta' ħsara tal-passat għall-ewwel sentejn (2013-2014) tal-perjodu kkunsidrat. Madankollu, il-proċess ta' rkupru staġna minħabba l-fatturi msemmija hawn fuq.

### 4.7. **Il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara mill-importazzjonijiet Ċiniżi**

4.7.1. *Kummenti preliminari*

(143) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-ħsara materjali mill-importazzjonijiet Ċiniżi terġax isseħħ, jekk il-miżuri kontra r-RPĊ jitħallew jiskadu. L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mir-RPĊ saru f'livelli ta' prezzijiet oġġett ta' dumping matul l-RIP (il-premessa (57)) u li probabbilment id-dumping kien ikompli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu (il-premessa (70)).

(144) Sabiex tkun stabbilita l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara, ġew analizzati l-elementi li ġejjin: (i) il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fir-RPĊ, (ii) il-livelli possibbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, (iii) l-imġiba tal-produtturi esportaturi Ċiniżi f'pajjiżi terzi oħra, (iv) l-attrattività tas-suq tal-Unjoni u (v) l-impatt tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

4.7.1.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fir-RPĊ

(145) Kif spjegat fil-premessa (60), il-produtturi mir-RPĊ għandhom kapaċità ta' produzzjoni sinifikanti fiċ-Ċina u, bħala riżultat ta' dan għandhom kapaċità ta' riżerva li taqbeż bil-kbir mhux biss il-kwantità tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul l-RIP iżda t-total tal-konsum tal-Unjoni matul l-RIP.

(146) Barra minn hekk, kif intqal fil-premessa (63) ma kien hemm l-ebda element li jista' jindika xi żieda sinifikanti fid-domanda domestika tal-SRC fir-RPĊ jew fi kwalunkwe suq ta' pajjiż terz ieħor fil-futur qrib. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-domanda domestika fiċ-Ċina jew fi swieq ta' pajjiżi terzi oħra ma setgħetx tassorbi l-kapaċità ta' riżerva disponibbli.

4.7.1.2. Il-livelli possibbli tal-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi

(147) Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (18), l-uniku grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera fir-RPĊ ma rrappurtax il-bejgħ tiegħu mill-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħra. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, il-bażi tad-data tar-RPĊ intużat biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħra.

(148) Il-livelli tal-prezzijiet ta' dawn l-esportazzjonijiet kienu kkunsidrati wkoll bħala stima raġonevoli dwar il-livelli ta' prezzijiet futuri possibbli lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(149) Kif spjegat fil-premessa (69), il-prezzijiet tal-esportazzjoni mir-RPĊ lejn swieq tal-esportazzjoni oħra kienu, bħala medja, ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, jiġifieri b'madwar 30 %. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li hemm marġni konsiderevoli għall-produtturi fir-RPĊ biex inaqqsu l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(150) Barra minn hekk, il-prezz tal-importazzjoni tal-grupp ta' produtturi esportaturi li kkoopera, mingħajr ma wieħed iqis id-dazji antidumping, waqqa' l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'36,3 % matul l-RIP, kif imsemmi fil-premessa (84). Dan huwa kkunsidrat bħala indikazzjoni raġonevoli tal-livelli tal-prezzijiet futuri possibbli għall-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

4.7.1.3. L-imġiba tal-produtturi esportaturi tal-SRC Ċiniżi f'pajjiżi terzi oħra

(151) Fin-nuqqas ta' informazzjoni oħra disponibbli, il-bażi tad-data tar-RPĊ intużat biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq terzi oħra, kif spjegat fil-premessi (64) u (65).

(152) Skont din l-informazzjoni l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-SRC Ċiniżi lejn swieq terzi oħra kienu bħala medja bejn madwar 40 % sa madwar 80 % aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni skont is-suq tal-esportazzjoni.

(153) L-aqwa tliet destinazzjonijiet tal-esportazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi f'termini ta' volum matul l-RIP kienu r-Repubblika tal-Korea (123 891 tunnellata jew 11 % mit-total tal-esportazzjonijiet tagħhom), l-Istati Uniti (97 936 tunnellata jew 9 % mit-total tal-esportazzjonijiet tagħhom) u l-Vjetnam (76 344 tunnellata jew 7 % mit-total tal-esportazzjonijiet tagħhom). Il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni lejn dawn is-swieq kienu ta' EUR 1 107/tunnellata, EUR 1 444/tunnellata u EUR 781/tunnellata rispettivament. Għalhekk, il-prezzijiet medji għal dawk il-pajjiżi kienu bejn 50 % sa madwar 80 % aktar baxxi mill-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni.

4.7.1.4. L-attrattività tas-suq tal-Unjoni

(154) Filwaqt li tiġi kkunsidrata l-analiżi tal-prezzijiet fil-premessa preċedenti, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jkollhom kapaċità sinifikanti biex inaqqsu l-prezzijiet tal-importazzjoni tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni filwaqt li xorta jilħqu prezzijiet ogħla fis-suq tal-Unjoni milli fi swieq oħra ta' pajjiżi terzi. Għalhekk hemm inċentiv kbir għall-produtturi esportaturi Ċiniżi biex idawru l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni fejn dawn jistgħu jiksbu prezzijiet ogħla, filwaqt li xorta jkunu jistgħu jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, huma jkollhom inċentiv biex jesportaw tal-inqas sehem mill-kapaċitajiet ta' riżerva tagħhom bi prezzijiet baxxi lejn is-suq tal-Unjoni.

(155) Indikazzjoni oħra tal-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni huwa l-fatt li minn mindu ġew imposti l-miżuri, kien hemm tentattivi għal ċirkomvenzjoni mill-esportaturi Ċiniżi li kienu identifikati u newtralizzati kif spjegat fil-premessi (2) u (4).

(156) Barra minn hekk, il-preżenza tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping mir-RPĊ minkejja l-miżuri fis-seħħ mill-1999 tikkonferma l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni.

(157) Għaldaqstant il-konklużjoni hija li l-produtturi esportaturi fir-RPĊ għandhom il-potenzjal u l-inċentiv li jżidu b'mod sostanzjali l-volum tal-esportazzjonijiet tagħhom tal-SRC lejn l-Unjoni bi prezzijiet li huma oġġett ta' dumping li jwaqqgħu b'mod sostanzjali l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

4.7.2. *L-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni*

(158) L-industrija tal-Unjoni, f'każ li din iżżomm il-livell tal-prezzijiet attwali, mhux se tkun tista' żżomm il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha apparagun tal-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi miċ-Ċina. Huwa probabbli ħafna li s-sehem mis-suq Ċiniż se jiżdied b'mod rapidu jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Dan probabbilment ikun għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni minħabba li l-livell tal-prezzijiet tagħha huwa l-ogħla. It-telf ta' volum tal-bejgħ iwassal għal livell saħansitra aktar baxx tar-rata ta' użu u żieda fil-medja tal-kost tal-produzzjoni. Dan iwassal għal deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni u tas-sitwazzjoni ta' telf li diġà mmaterjalizzat matul l-RIP.

(159) Madankollu, jekk l-industrija tal-Unjoni tiddeċiedi li tnaqqas il-livelli tal-prezzijiet tagħha f'tentattiv biex iżżomm il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha, id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha se jseħħ kważi immedjatament u s-sitwazzjoni ta' telf osservata matul l-RIP tmur għall-agħar b'mod sinifikanti.

(160) Fiż-żewġ xenarji, l-impatt tal-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li jkollu impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni, speċjalment fuq l-impjiegi. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kienet imġiegħla tnaqqas l-impjiegi relatati mal-prodott b'9 % (ara t-Tabella 9). Deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jista' jikkawża l-għeluq tal-unitajiet tal-produzzjoni kollha.

(161) Għalhekk, jista' jiġi konkluż li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri eżistenti twassal għal rikorrenza tal-ħsara mill-importazzjonijiet Ċiniżi tal-SRC u li l-qagħda diġà dannuża tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tkompli tmur għall-agħar.

(162) Matul il-perjodu tar-rieżami tal-iskadenza preċedenti kkunsidrat, bejn l-2007 u l-2010, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni żviluppat b'mod pożittiv. Hija rnexxielha żżomm il-profittabbiltà tagħha qrib il-profitt fil-mira ta' 5 % anki matul l-ewwel sentejn tal-perjodu kkunsidrat attwali għall-2013-2014. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni tat prova li hija industrija strutturalment vijabbli u kapaċi treġġa' lura sitwazzjoni ta' telf. Madankollu, matul il-perjodu kkunsidrat waqt ir-rieżami tal-iskadenza attwali, l-industrija tal-Unjoni reġgħet lura għal qagħda finanzjarja fraġli li hija mistennija li tkompli tmur għall-agħar jekk il-miżuri jiskadu. Din imbagħad ma tkunx kapaċi tirkupra mill-qagħda dannuża attwali u minflok, issofri aktar ħsara minħabba żieda wisq probabbli fl-importazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi bi prezzijiet li huma oġġett ta' dumping.

(163) Huwa rikonoxxut li l-importazzjonijiet tal-SRC mir-Repubblika tal-Korea u minn pajjiżi terzi oħra, minħabba l-volum u l-livelli tal-prezzijiet baxxi tagħhom, huma fatturi li jikkontribwixxu għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, din l-investigazzjoni kienet, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, limitata biex jiġi vvalutat jekk teżistix il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara mill-importazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi bi prezz li jagħmel ħsara jekk il-miżuri antidumping attwali jiskadu. Fid-dawl tas-sitwazzjoni fraġli tal-industrija tal-Unjoni, kwalunkwe żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet Ċiniżi se taggrava din is-sitwazzjoni minħabba kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti fir-RPĊ, l-attrattività tas-suq tal-Unjoni u l-livelli tal-prezzijiet baxxi possibbli tal-SRC Ċiniżi lejn l-Unjoni.

(164) Il-fatt li bħalissa l-importazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi jidħlu fis-suq tal-Unjoni f'numri ferm inqas milli qabel l-impożizzjoni ta' miżuri juri li d-dazji antidumping attwali rnexxielhom jistabbilixxu mill-ġdid kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fost l-esportaturi Ċiniżi tal-prodott soġġett għal rieżami u l-industrija tal-Unjoni. Il-fatt li l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea u pajjiżi terzi oħra waqqgħu l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi, ma jdgħajjifx l-obbligi tal-Kummissjoni li tibqa' fi ħdan il-qafas ta' din l-investigazzjoni. Kif stipulat fil-premessa (165), il-Kummissjoni wriet li huwa probabbli ħafna li l-iskadenza tal-miżuri twassal għal rikorrenza ta' ħsara.

4.7.3. *Konklużjoni*

(165) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-irtirar tal-miżuri probabbilment jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-SRC Ċiniżi oġġett ta' dumping bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk tkompli taggrava l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni. Bħala konsegwenza, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

## 5. INTERESS TAL-UNJONI

(166) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping eżistenti tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi. Id-determinazzjoni tal-interessi tal-Unjoni kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

(167) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(168) Ta' min ifakkar li, fir-rieżami tal-iskadenza preċedenti, l-adozzjoni tal-miżuri kienet ikkunsidrata li ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li din l-investigazzjoni hija rieżami ta' skadenza, u b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri antidumping diġà kienu fis-seħħ, tippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri antidumping attwali.

(169) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u rikorrenza ta' ħsara, kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

### 5.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(170) L-investigazzjoni wriet ukoll li jekk il-miżuri jiskadu, dan x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni u s-sitwazzjoni finanzjarja fraġli attwali tagħha tkompli tmur għall-agħar. L-iskadenza tal-miżuri tkun ta' theddida serja għall-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, peress li ġġiegħel lill-produtturi tal-Unjoni jagħlqu l-operazzjonijiet tagħhom u dan jagħmel is-suq tal-Unjoni dipendenti għalkollox fuq l-importazzjonijiet tal-SRC.

(171) Fil-passat, l-industrija tal-Unjoni tat prova li hija industrija vijabbli b'riżultati ekonomiċi u finanzjarji pożittivi. Hija rnexxielha tibqa' profittabbli b'marġni ta' profitt li jaqbeż il-profitt fil-mira.

(172) Għalhekk, iż-żamma tal-miżuri antidumping fis-seħħ tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.2. L-interessi tal-importaturi

(173) Kif indikat fil-premessi (20) sa (22) u (24), l-ebda importatur ma kkoopera f'din l-investigazzjoni jew ipprovda l-informazzjoni mitluba. Ta' min jiftakar li fl-investigazzjonijiet preċedenti nstab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-importaturi m'għandux ikun sinifikanti. Fin-nuqqas ta' evidenza li tissuġġerixxi mod ieħor, jista' għalhekk jiġi kkonfermat li l-miżuri fis-seħħ bħalissa ma kellhom l-ebda effett negattiv sostanzjali fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u li l-kontinwità tal-miżuri ma taffettwax b'mod mhux dovut lill-importaturi.

### 5.3. L-interessi tal-utenti

(174) L-SRC jintużaw f'varjetà wiesgħa ta' applikazzjonijiet, bħas-sajd, l-industrija marittima/tat-trasport marittimu, l-industriji taż-żejt u tal-gass, fil-minjieri, għall-forestrija, għat-trasport bl-ajru, fl-inġinerija ċivili, fil-bini u fil-liftijiet.

(175) Kif indikat fil-premessi (23) u (24), l-ebda utent ma kkoopera f'din l-investigazzjoni jew ipprovda l-informazzjoni mitluba. Xi utenti li ppreżentaw ruħhom iddikjaraw li jużaw l-SRC b'mod marġinali biss. Għalhekk ġie konkluż, bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti, li l-miżuri attwalment fis-seħħ ma kellhom ebda effett sostanzjali negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-utenti, u li għalhekk il-kontinwazzjoni tal-miżuri ma taffettwax b'mod mhux dovut il-qagħda tal-industriji tal-utent.

### 5.4. Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni

(176) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li m'hemmx raġunijiet konvinċenti marbuta mal-interessi tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-SRC li joriġinaw mir-RPĊ.

## 6. MIŻURI ANTI-DUMPING

(177) Il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-SRC li joriġinaw mir-RPĊ. Ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Ma waslet l-ebda osservazzjoni mingħand l-ebda parti.

(178) Kif spjegat fil-premessa (6), id-dazji antidumping fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-SRC mir-RPĊ ġew estiżi biex ikopru wkoll l-importazzjonijiet tal-SRC ikkonsenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Marokk jew mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le. Id-dazju antidumping li jrid jinżamm fuq l-importazzjonijiet tal-SRC li joriġinaw mir-RPĊ jenħtieġ li jkompli jiġi estiżi għal importazzjonijiet tal-SRC ikkonsenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Marokk jew mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le. Il-produttur esportatur fil-Marokk eżentat mill-miżuri kif estiżi mir-Regolament (KE) Nru 1886/2004 jenħtieġ li jkun eżentat ukoll mill-miżuri imposti b'dan ir-Regolament. Il-15-il produttur esportatur fir-Repubblika tal-Korea eżentati mill-miżuri kif estiżi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 400/2010 jenħtieġ li jkunu eżentati wkoll mill-miżuri imposti b'dan ir-Regolament.

(179) Fid-dawl tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [1] huwa xieraq li tiġi prevista r-rata tal-imgħax ta' inadempjenza li trid titħallas f'każ ta' rimborż tad-dazji definittivi, għax id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali ma jipprevedux din ir-rata tal-imgħax, u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali twassal għal distorsjonijiet mhux dovuti bejn l-operaturi ekonomiċi skont liema Stat Membru jintgħażel għall-ikklerjar doganali.

(180) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju antidumping definittiv huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar inklużi l-ħbula mibrumin issiġillati, esklużi l-ħbula u l-kejbils magħmula mill-azzar inossidabbli, b'dimensjoni trasversali massima ta' aktar minn 3 mm, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 (il-kodiċijiet TARIC 7312 10 81 12, 7312 10 81 13, 7312 10 81 19, 7312 10 83 12, 7312 10 83 13, 7312 10 83 19, 7312 10 85 12, 7312 10 85 13, 7312 10 85 19, 7312 10 89 12, 7312 10 89 13, 7312 10 89 19, 7312 10 98 12, 7312 10 98 13 u 7312 10 98 19).

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz CIF nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u li joriġina mir-RPĊ għandha tkun ta' 60,4 %.

3. Id-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, kif stabbilit fil-paragrafu 2, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-istess ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Marokk u sew jekk le (il-kodiċijiet TARIC 7312 10 81 12, 7312 10 83 12, 7312 10 85 12, 7312 10 89 12 u 7312 10 98 12), bl-eċċezzjoni ta' dawk immanifatturati minn Remer Maroc SARL, Zone Industrielle, Tranche 2, Lot 10, Settat, il-Marokk (il-kodiċi TARIC addizzjonali A567) u għall-importazzjonijiet tal-istess ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le (il-kodiċijiet TARIC 7312 10 81 13, 7312 10 83 13, 7312 10 85 13, 7312 10 89 13 u 7312 10 98 13), bl-eċċezzjoni ta' dawk immanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt:

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika tal-Korea | Bosung Wire Rope Co., Ltd, 568,Yongdeok-ri, Hallim-myeon, Gimae-si, Gyeongsangnam-do, 621-872 | A969 |
| | Chung Woo Rope Co., Ltd, 1682-4, Songjung-Dong, Gangseo- Gu, Busan | A969 |
| | CS Co., Ltd, 31-102, Junam maeul 2-gil, Yangsan, Gyeongsangnam-do | A969 |
| | Cosmo Wire Ltd, 4-10, Koyeon-Ri, Woong Chon-Myon Ulju- Kun, Ulsan | A969 |
| | Dae Heung Industrial Co., Ltd, 185 Pyunglim — Ri, Daesan- Myun, Ha-man — Gun, Gyungnam | A969 |
| | Daechang Steel Co., Ltd, 1213, Aam-daero, Namdong-gu, Incheon | C057 |
| | DSR Wire Corp., 291, Seonpyong-Ri, Seo-Myon, Suncheon-City, Jeonnam | A969 |

[1] Is-sentenza għal Wortmann, C-365/15, EU:C:2017:19, il-paragrafi minn 35 sa 39.

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| | Goodwire MFG. Co. Ltd, 984-23, Maegok-Dong, Yangsan-City, Kyungnam | B955 |
| | Kiswire Ltd, 37, Gurak-Ro, 141 Beon-Gil, Suyeong-Gu, Busan, Korea 48212 | A969 |
| | Manho Rope & Wire Ltd, Dongho Bldg, 85-2 4 Street Joongang- Dong, Jong-gu, Busan | A969 |
| | Line Metal Co. Ltd, 1259 Boncho-ri, Daeji-Myeon, Changnyeong-gun, Gyeongnam | B926 |
| | Seil Wire and Cable, 47-4, Soju-Dong, Yangsan-Si, Kyungsangnamdo | A994 |
| | Shin Han Rope Co., Ltd, 715-8, Gojan-Dong, Namdong-gu, Incheon | A969 |
| | Ssang Yong Cable Mfg. Co., Ltd, 1559-4 Song-Jeong Dong, Gang-Seo Gu, Busan | A969 |
| | Young Heung Iron & Steel Co., Ltd, 71-1 Sin-Chon Dong, Changwon City, Gyungnam | A969 |

*Artikolu 2*

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ b'rabta mad-dazji doganali. L-imgħax ta' inadempjenza li għandu jitħallas f'każ ta' rimborż li jwassal għal dritt ta' ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data tal-iskadenza, b'żieda ta' punt perċentwali wieħed.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER